MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 181/2001/1

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-14 ta'Jannar 2008 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal GO p.l.c.**

**Vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici tablet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u tlettax-il Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm413.16) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 410441 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond li jgib l-isem 'Merhba', fi Triq Fort, Mosta u dana skond ma kif jidher mill-anness "service agreement' Dok B.

Bl-ispejjes kompirzi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju, 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u fol 3.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-istess konvenut (fol 26 ibid) u li biha eccepixxa revertement:-

1. Is-somma pretiza mill-attrici tirraprezenta uzu tas-servizz tat-*telephone* illi ma sarx mill-apparat provdut lill-eccipjent. In effett, skond ma rrizulta lill-istess eccipjent l-imsemmi kont huwa kompost principalment minn kontijiet ta' uzu lil agenziji illi qatt ma sar kuntatt maghhom mid-dar tar-residenza tal-eccipjent.
2. Illi fil-11 ta' Mejju 1999, l-eccipjent talab illi l-linja meritu tal-kawza tigi skonnessa u hallas *disconnection fee* lill-attrici, b'mod illi dawk il-porzjonijiet tat-talba attrici illi jirrigwardaw il-perjodu wara tali data ma humiex pagabbli anke ghal dan il-motiv.
3. Illi dina l-Onorabli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza tiehu konjizzjoni ta' din il-vertenza *ratione* valoris billi tali kompetenza hija vestita fit-Tribunali ghat-Talbiet iz-Zghar.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta li nzammet fl-14 ta' Ottubru 2003 (fol 27 ibid) it-tielet eccezzjoni giet irtirata mill-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fil-<u>meritu</u>, giet prodotta mis-socjeta' attrici, <u>l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young</u> (fol 30 u fol 31 ibid) u din, anke permezz tad-dokument, ossija <u>rendikont</u> a fol 32 ibid, ikkonfermat illi l-ammont dovut mill-konvenut kien,

effettivament Lm378.17 u illi wara il-bidu ta' din il-kawza, ma kien sar l-ebda pagament da parti tal-konvenut in konnessjoni mal-ammont mitlub.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenut, gew prodotti is-segwenti provi:-

a) Charmaine Galea Triganza (fol 40 u fol 45 u fol 91 et seq ibid) ufficjal tekniku mal-istess socjeta' attrici spjegat illi hi kienet giet inkarigata sabiex tixhed f'dawn il-proceduri a bazi tal-“file” relattiv. Hi spjegat illi l-konvenut kien ghamel rapport li, permezz tirghu, kien allega li kien sar tbaghbis (‘tampering') in konnessjoni mal-linja telefonika msemmija fl-avviz. Fiz-zmien in kwistjoni kull kontestazzjoni bhal din kienet tigi assenjata lill-‘Foreman' u, filfatt, ix-xhud kienet rat ir-rapport ta' dan fis-sens illi ma kienx jissusisti t-‘tampering' allegat mill-konvenut. Wara li spjegat kif seta jsir dan it-tbaghbis billi jitqaxxru l-‘wires' u jigi komunikat ‘wire' iehor mal-parti mqaxxra …”, hi kompliet tghid illi l-‘hand sets', uzati mill-impjegati tas-socjeta' attrici kienu gew ‘blokkati kemm in rigward ‘mobiles' kemm in rigward ‘overseas' “ sakemm madwar sitt (6) snin qabel, l-impjegati kienu nghataw cellulari sussegwentement hi kompliet tixhed, bil-‘file' quddiemha u qalet illi, fil-lokalita in kwistjoni, ma kienx jidher illi sar xi xogholijiet kbar, fil-kaxxi tad-distribuzzjoni (ara fol 47 ibid). Inoltre x-xhud, personalment u qabel ma xehdet it-tieni darba, kienet marret fl-istess lokalita u sabet li l-konvenut kien qed jiehu s-servizz telefoniku mill-istess kaxxa “… li kellu fiz-zmien in kwistjoni” u li kienet pjuttost antika (ara r-ritratti esebita a fol 84 u fol 85 tal-atti).

b) L-istess konvenut a fol 96 u fol 106 et seq ibid, spjega illi kien irceva kont gholi, li kien jirreferi ghal “sex calls', u dan skond ma gie informat mill-istess socjeta' attrici. Avolja kien sar “affidavit” f'dan is-sens, xorta wahda, kien jircievi kontijiet bl-arretrati kontestati, imnizlin sabiex jithallsu. Inoltre, hu kien talab li jigi “banned' l-uzu tan-numru “0” b'referenza ghal telefonati barra minn Malta izda dan kien filfatt, sar “sentejn wara li tlabtu”. Fl-ahharnett, hu ppresenta lista, moghtija lilu mis-socjeta' attrici u li fuqha hemm specifikati dawk it-telefonati kollha

li qed jigu kontestati "u lil min kienu indirizzati" kollha "overseas telecell calls" (ara fol 102 et seq ibid).
c) Zewg affidavits "sottomessi minn mart il-konvenut, Susan Zammit u iben John Mark (fol 100 u fol 101 tal-istess atti) fejn dan spjegaw illi s-servizz telefoniku in kwistjoni kien disponibbli, biss, ghal membri tal-familja.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi sottolineat, illi l-konvenut kellu jipprova dak allegat minnu fuq bazi ta' probabilta (ara ghal kull bon fini l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). A bazi ta' dak li ghadu kemm inghad u mill-analisi tal-provi kif hawn fuq esposti, l-istess Qorti ma tarax kif jista'jigi konluz illi dak allegat mill-konvenut gie, effettivament, pruvat, fil-grad li tird il-ligi.

Ghalhekk, il-konkluzoni ghandha tkun illi s-somma pretiza mis-socjea' attrici "… tirrapresenta uzu tas-servizz tat-telephone …." li sar mill-apparat provdut lill-konvenut.

Illi jigi notat, ukoll, illi l-ammont pretiz fl-avviz in esami, ghandu jigi ridott ghal Lm378.17 ossija €880.90 (ara fol 31 ibid) u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta limitatament ghal dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' "in parte" t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm378.17 ossija €880.90 bl-imghax legali mill-5 ta' Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv waqt li l-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali bil-5 ta' Mejju 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali jithallsu kwantu ghal wiehed minn ghaxra (1/10) mis-socjeta' attrici u kwantu ghal disa' minn ghaxra (9/10) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------